# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Ottubru, 2000 .**

**Citazzjoni numru : 184/1997G1(PC)**

**Hilda Debrincat .**

**vs**

**Mario u Rose Mary konjugi Farrugia .**

**Il-Qorti,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :**

**Illi b'degriet tal-24 ta' Settembru, 1997, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru tliet mija u wiehed u sebghin tal-elf disa' mija usebgha u disghin (371/1997) fl-ismijiet <u>Mario Farrugia et -vs- Hilda Debrincat,</u> din l-Onorabbli Qorti fuq talba b'rikors li jgib in-numru mija u sbatax tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (117/1997) maghmul mill-intimata Hilda Debrincat a tenur tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 sabiex l-att kawtelatorju imsemmi jigi revokat ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi *d* u *f* tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12, cahhdet it-talba ta' Hilda Debrincat u kkonfermat il-hrug tal-mandat tal-4 ta' Gunju 1997 u dan peress illi l-Qorti dehrilha li** *r-rikorrenti ghandhom xi drittijiet biex jigu kkawtelati bil-mandat u li l-intimata ma pprovdiet l-ebda garanzija adegwata flok il-mandat ;*

**Illi l-attrici thoss ruhha aggravata b'dan id-digriet u jidhrilha li tali digriet huwa zbaljat ghal diversi ragunijiet ; fl-ewwel lok il-ghaliex ma ngabet ebda prova** *prima facie* **li biha r-rikorrenti wrew illi l-ammont minnhom pretiz fl-ammont ta' tmintax-il elf lira maltin (LM18,000) huwa gustifikat; fit-tieni lok ir-rikorrenti ma wrew ebda gustifikazzjoi u ma gabu ebda raguni valida l-ghaliex fic-cirkostanzi l-mandat kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh u ghas-somma totali**

**minnhom pretiza ta' tmintax-il elf lira maltin (LM18,000) meta l-att kawtelatorju nhareg fuq semplici talba guramentata tal-prezunti kredituri, jew li hemm xi perikolu car u manifest ghall-jeddijiet taghhom; fit-tielet lok l-attrici tissottometti li ma saret ebda invetigazzjoni serja mill-Qorti jekk mic-cirkostanzi l-att kawtelatorju relattiv ghas-somma pretiza setghax isir jew le u l-Qorti lanqas biss indenjat ruhha tirreferi ghall-atti tal-kawza fl-ismijiet Mario Farrugia et -vs- Hilda Debrincat [Citaz. Numru 112/1997/MM] li saret in segwitu ghall-hrug tal-mandat, minghajr il-htiega illi tidhol fil-meritu tal-kawza izda tezamina almenu l-iskrittura tal-kera ta' bejn il-kontendenti tat-18 ta' Marzu 1988, li ghaliha l-attrici ghamlet piena riferenza partikolarment ghall-kundizzjoni numru erbgha (4) tal-ftehim fejn jinghad espressament li "***il-fond qed jigi mikri bhala hanut ta' Hifi/Video Rentals/Home Appliances, izda l-kerrej ma jkunx jista jbiddel id-destinazzjoni tal-fond jew in-natura tal-kirja minghajr il-kunsens bil-miktub ta' sid il-kera",* **u cirkostanzi ohra tal-kaz; fir-raba lok id-digriet fih enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi, interpretazzjoni skorretta tal-Artikolu 836 peress li l-garanzija alternattiva ma hix awtomatika u d-danni li r-rikorrenti jallegaw li sofrew oltre li jridu jigu pruvati** *prima facie* **li huma reali u attwalment sofferti, jridu wkoll ikunu imputabbli lill-intimata u mhux provokati jew kagunati minhabba nuqqas ta' hsieb jew b'malizzja tar-rikorrenti nnifishom ;**

**Illi l-attrici jidhrilha li b'dak id-digriet il-Qorti kienet skorretta ghall-ahhar u ghamlet apprezzament zbaljat u superficjali ghall-ahhar kemm tac-cirkostanzi kif ukoll tal-ligi in materja .**

**Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:**

1. **Tirrevoka** *contrario imperio* **d-digriet taghha tal-24 ta' Settembru, 1997, moghti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 371/1997 fl-ismijiet Mario Farrugia et vs Hilda Debrincat, li permezz tieghu din il-Qorti cahhdet it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-att kawtelatorju shih jew in parti u halliet l-att kawtelatorju imsemmi fis-sehh ghas-somma totali u fenomenali ta' LM18,000 ;**
2. **Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attrici ghar-revoka, shih jew in parti, tal-mandat ta' sekwestru imsemmi ghar-ragunijiet fuq spjegati .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenutk ghas-subizzjoni debitament imharrkin .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici, debitament ikkonfermata bil-gurament taghha .**

**Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti, li biha eccepew illi:**

1. **Preliminarjament l-irritwalita' u konsegwenti nullita' tal-procedura addottata mill-attrici in kwantu l-attrici qeghda permezz tal-procedura tac-citazzjoni li ma hix kontemplata fil-Ligi, titlob it-thassir tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) meta l-konvenuta setghet appellat minn tali digriet proprju l-procedura li hija regolata bil-Ligi fil-kaz ta' min ihossu aggravat b'digrieti simili . Ghalhekk dak id-digriet illum huwa definittiv u ma jistax jigi revokat ghajr bil-modalitajiet u fic-cirkostanzi kontemplati fil-Ligi . Id-digriet imsemmi inghata fit-termini tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dan jista' jigi modifikat jew varjat kif hemm pprovdut .**

2. **Illi preliminarjament ukoll ic-citazzjoni kif postulatata hija nulla billi anki kieku wiehed kellu jammetti r-revoka tad-digriet tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) xorta wahda dan ma jwassalx ghat-thassir tad-digriet moghti wara l-mandat inizjali kif donnu qed tippretendi l-attrici .**

3. **Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma fil-mertu infondati u ghandhom jigu michuda billi d-digriet huwa wiehed validu u konformi mil-Ligi . L-attrici riedet li din l-Onorabbli Qorti tidhol f'ezami approfondit tal-mertu tal-kawza, haga li certament ma setghetx kienet l-intenzjoni tal-legislatur bl-introduzzjoni tal-procedura msemmija .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut Mario Farrugia .**

**Rat il-verbal taghha ta' l-4 ta' Mejju 2000, fejn halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari .**

**Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar dawn l-eccezzjonijiet .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob r-revoka 'contrario imperio' ta' digriet moghti minn din il-Qorti fi proceduri taht l-**

**artiklu 836 tal-Kap. 12, li kienu saru mill-attrici sabiex twaqqa' mandat ta' sekwestru li kien inhareg kontra taghha fuq talba tal-konvenuti .**

**Il-kwistjoni prezenti tirrigwarda l-procedura adottata mill-attrici sabiex tattakka d-digriet imsemmi . L-attrici tghid illi peress illi d-digriet kontestat kien wiehed kamerali, li ma kienx definittiv u lanqas interlokutorju, talba ghar-revoka tieghu kellha ssir a tenur tal-gurisprudenza stabilita fil-materja permezz ta' kawza '‘ad hoc'', kif appuntu ghamlet l-attrici . Il-fatt illi l-artikolu 836 isemmi biss id-dritt ta' appell minghajr ma jispjega kif ghandu jsir l-istess appell, fil-fehma ta' l-istess attrici jfisser illi dan l-appell jista' jsir anke permezz ta' kawza apposta, kif kien isir f'kaz ta' kontestazzjoni ta' digrieti ohra .**

**Il-konvenuti minn naha l-ohra jikkontendu illi l-artikolu 836 tal-Kap. 12, artikolu gdid introdott fil-ligi procedurali bl-emendi tal-1995 stabilixxa regoli godda dwar kif setghu jigu attakkati atti kawtelatorji. L-istess artikolu jistipula wkoll meta jista' jsir appell minn digriet moghti mill-Qorti taht dawk il-proceduri, u ghalhekk gialadarba jissemma appell minn tali digriet, l-attrici ma kienitx korretta tipprocedi b'kawza gdida minflok ma appellat minn dak id-digriet u tinjora l-procedura indikata bl-istess artikolu 836 .**

**Wara ezami akkurat ta' l-artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti thoss illi s-soluzzjoni ghal din il-problema tinsab fil-kliem imnizzel fl-ewwel parti tal-paragrafu (1) ta' dan l-artikolu, u cioe' bil-kliem: "<u>Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra ….</u>"**

**Fil-fehma taghha dan ifisser illi l-ligi, minghajr ma tnehhi xejn mill-possibilitajiet li kienu jezistu precedentement dwar kif wiehed seta' jikkontesta atti kawtelatorji, b'din il-procedura l-gdida kienet qed tintroduci mod hafna aktar spedizzjuz ghall-istess fini . Fejn sa dakinhar l-unika mezz sabiex tikkontesta l-hrug ta' att kawtelatorju kien permezz ta' citazzjoni li naturalment kienet tiehu z-zmien taghha, bhal kull kawza ohra biex tinqata', issa wiehed seta' jintavola semplici rikors bi proceduri ferm anqas komplikati minn f'kawza. Dawn l-emendi taw ukoll id-dritt lil min ma jkunx irnexxa fit-talba biex jappella mid-digiret tal-Qorti .**

**Madankollu dan ma jistghax ifisser ukoll illi min ikun ghazel li jutilizza l-procedura specjali stabilita bl-artikolu 836 u ma rnexxiex fit-talba tieghu, jaqbad u jabbanduna l-istess procedura wara ezitu sfavorevoli ghalieh u minflok ma jappella taht dak li jipprovdi is-sub-**

**inciz (5) ta' l-istess artikolu, jaghzel li jiftah kawza gdida sabiex il-Qorti terga' tikkonsidra mill-gdid r-ragunijiet tieghu ghaliex l-att kawtelatorju kontestat kellu jigi revokat . Sewwa qalu l-konvenuti fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom illi: "…l-appell jimplika l-kontinwazzjoni ta' procedura inizjali li permezz taghha tintalab ir-revizjoni ta' decizjoni mehuda, mhux il-bidu ta' procedura kompletament gdida . Ic-citazzjoni odjerna ma tistax isservi bhala forma ta' ritrattazzjoni sabiex jerga' jinbeda d-dibattiment mill-gdid."**

**Ghalhekk gialadarba l-attrici kienet ghazlet illi tinqeda bil-procedura stabilita bl-artikolu 836 tal-Kap. 12 biex tikkontesta il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju msemmi u mhux b'kawza, ma tistghax imbaghad ghaliex ma rnexxilhiex tottjeni dak li xtaqet permezz ta' dik il-procedura, terga' tipprova mill-gdid iggib ir-revoka tal-mandat bis-sahha tal-kawza odjerna . Il-kawza illi ghandha quddiemha l-Qorti illum bl-ebda mod ma tista' ghalhekk isservi biex issewwi n-nuqqas ta' l-attrici li tappella kif kellha kull opportunita' li taghmel taht l-artikolu 836, u cioe' in osservanza tal-procedura li kienet volontarjament utilizzat biex titlob ir-revoka tal-mandat imsemmi .**

**Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara l-procedura adottata mill-attrici bil-kawza prezenti rritwali u konsegwentement nulla .**

**L-ispejjez ikunu a karigu ta' l-attrici .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S18497Pc
1540